*kemm dawn baqgħu lura u fil-għama, filwaqt li l-moderni mxew 'l quddiem u tgħallmu. Din hi fehma ikonoklastika, fehma ta' min iħoss ruħu tant kburi li ma għandux jitqies ma' min huwa aqwa minnu u għalhekk jixtieq ikissru jew iwarrbu biex jeħles minnu.*

*Wieħed josserva wkoll li fost il-kotba ġodda li qegħdin joħorġu qajla ssib wieħed fuq xjenza, fuq arti jew fuq pedagoġija. Kotba bħal dawn huma meħtieġa wisq għat-tagħlim taż-żgħar, u tal-kbar ukoll. Il-qari ta' kotba ma għandux ikun biss għall-mogħdija taż-żmien, iżda għandu jservi wkoll biex igħallem u biex jiftaħ il-moħħ u biex jaqdi lill-qarrej fil-ħtiġijiet tiegħu.*

*Ħafna huma dawk li jaħsbu li waħda mir-raġunijiet ta' l-injuranza f'pajjiżna hi n-nuqqas ta' kotba ta' tagħlim, u sakemm ma jkollniex minnhom f'ilsienna, ikollna ninqdew b'kotba barranin li ħafna Maltin ma jafux jaqrawhom u ma jifhmuhomx, u wkoll x'uħud minnhom ma jgħoddux għal idejn in-nies tagħna.*

*F'Malta għandna min hu kapaċi jikteb xogħlijiet għat-tagħlim tal-poplu. Għandna awturi li jinqalgħu ħafna f'dik li hi arti, xjenza u istruzzjoni, u fosthom hemm dawk li kitbu opri edukativi f'ilsna barranin; mela kulma jeħtieġ hi rieda, xogħol u ħsieb biex joħorġu kotba ta' tagħlim li jiftaħ il-għajnejn, juri t-triq u jqajjem ħeġġa għat-tagħlim fost il-poplu tagħna.*

*Nittamaw li mal-kotba letterarji jibdew joħorġu wkoll oħrajn edukativi li huma tant meħtieġa f'pajjiżna.*

---

## IL-PASSAĠĠ

*Ta' V.M. PELLEGRINI*

Verġni mlibbsa d-drapp fqajjar,
Verġni tas-skiet u l-ħemda
miftuħa bħal tulipan
kbir tal-għaġeb!

Fuq id-dgħajsa tiegħek ta' dawl
narak miexja
fuq il-ħalel għolja tal-Belt,
fo t l-għa at ta' umanità mniġġsa
u kwiekeb tal-kristall.

Verġni mlibbsa bi drapp fqajjar,
narak għaddejja
fuq ix-xmajjar tat-toroq
sa ma tfiġġ għal fuq il-baħar.



# L-ARTIKOLI TAL-GURNALI

*Essay ta'* ALBERT M. CASSOLA

"Sur Editur,

Qiegħed nibgħatlek artiklu biex, jekk jogħġbok, iġġibu fil-ħarġa tal-Milied tal-Ġurnal tiegħek. Inselli għalik."
Firma, u d-data tal-20 ta' Diċembru.

Din kienet waħda mill-ittri li kienu wasluli meta kont editur ta' ċertu ġurnal li kien jimxi ħafna hawn Malta. Għal min induna bid-data ta' l-ittra u qies li l-ittra waslitli għallinqas ġurnata wara dik id-data, huwa biżżejjed ċar il-fatt li l-artikolista ma kellu l-ebda esperjenza ta' ġurnaliżmu. Insemmi biss li dak l-artikolista ma ġiebx quddiem għajnejh li biex thejji numru speċjali għal okkażjoni jew festa hekk kbira bħal dik tal-Milied trid taħseb għallinqas xahrejn qabel, iżda tliet xhur erbgħa aħjar ukoll.

Huwa biss min qatt ma kellu x'jaqsam mat-tmexxija ta' ġurnal ta' kuljum li jistagħġeb. Għax fil-fatt l-editur irid jaħseb għat-tqassim tal-materjal, għall-istampar, l-impaġnar, artikoli, kitbiet oħrajn, bozzi u x'naf jien; irid iqis it-tul tal-materjal għall-istampa, it-tiżjin, it-tiżwiq, il-għażla tal-kitba u tant u tant affarijiet oħrajn. Barra minn hekk, il-ġurnal tal-Milied il-biċċa l-kbira joħroġ madwar ġimgħa qabel; il-għada tal-Milied, inkella, ikun ġà qdiem. Aħsbu ftit kif stajt illaħħaq biex inġib fil-Milied l-artikolu ta' dak li kitibli erbat ijiem qabel jekk mhux, madankollu, fil-Milied tas-sena ta' wara!

Dana juri li l-artikoli li għandhom x'jaqsmu ma' rikorrenzi, u mhux biss mal-Milied, jeħtieġ li jkunu f'idejn l-editur kmieni sewwa, għax l-ebda editur ma jista' joqgħod jistenna l-aħħar mumenti imma jrid ikun żgur minn wisq qabel dwar dak li jkollu bżonn. Xi rivista kbira ta' barra minn Malta jibdew jaħsbu għaliha għall-Milied tas-sena ta' wara, sew sew mill-għada tal-Milied li jkun għadu kemm għadda. Oħrajn f'Awissu jkunu qegħdin ilestu. L-almanakk għall-editur huwa ta' l-akbar ħtieġa mhux ħalli jara liema hu l-qaddis tal-ġurnata li nkunu fiha iżda biex f'Jannar iħares lejn ix-xahar ta' Ġunju u f'Ġunju lejn Jannar.

Artikoli oħrajn li jkunu ta' attwalità, jiġifieri li jkollhom x'jaqsmu mal-ġrajjiet tal-mument iridu, m'għandniex xi ngħidu, jidhru fil-waqt li l-qarrejja jkunu jistennewhom l-iżjed. Ftit li xejn jiswa li wieħed jikteb artikolu fuq il-Karnival u jistenna li l-editur sa jġibhulu f'ras ir-Randan: jekk żmienu jkun għadda, l-artikolu jintilef, bħalma, għallinqas għal dik is-sena, jintilef dak l-artikolu li bħalu jkun għadu kemm deher wieħed ftit qabel. Madankollu xi